MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

**MAGISTRAT DR.**
**DENNIS MONTEBELLO**

Seduta ta' l-4 ta' April, 2003

Avvi$Z Numru. 423/1999/1

Avviz Nru 423/99DM

Francis Grogan

Vs

Elmo Insurance Services Limited u din in rapprezentanza tas-socjeta estera Sun Alliance & London Insurance

Il-Qorti,

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-attur talab il-kundanna tas-socjeta konvenuta sabiex ihallsu s-somma ta’ elf lira Maltin (Lm1,000) rapprezentanti l-valur tal-vettura

proprjeta tal-istess attur tal-marka ARO, numru ta' registrazzjoni IAH 081, liema vettura nsterqet fis-16 ta' Mejju 1998, mill-Hamrun, u dan skond il-polizza assigurativa mis-socjeta konvenuta mahruga favur taghhom.

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-28 ta' Ottubru, 1998, u bl-imghaxijiet legali mid-data tal-prezentata tal-ittra ufficjali sad-data tal-eventwali hlas – ilkoll kontra s-socjeta konvenuta li giet ingunta ghas- subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tas-socjeta konvenuta fejn eccepiet illi:

1 In linea preliminari, is-socjeta eccipjenti kif imharrka mhix il-legittimu kontraditur tal-attur billi s-socjeta eccipjenti mhix l-assikuratur tal-attur. Il-polizza ta' assikurazzjoni in kwisjtoni nharget mis-socjeta' assikuratrici estera Sun Alliance & London Insurance plc li taghha s-socjeta eccipjenti hija l-agent f'dawn il-Gzejjer. Is-socjeta eccipjenti ghandha ghalhekk tkun liberata mill-osservanza tal-gudizzju;
2 Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, l-ammont pretiz bhala indennizz mill-attur huwa eccessiv u ma jirrispekkjax il-valur tal-vettura tieghu fid-data tal-allegata serqa;
3 Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba ghall-imghax kif dedotta kontra s-socjeta eccipjenti ghandha tkun respinta;
4 Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi

Semghet ix-xhieda prodotti;

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat l-atti kollha tal-process; u

Ikkunsidrat:-

Bil-korrezzjoni awtorizzata bid-digriet tal-15 ta' Marzu tas-sena 2000, fejn gie mizjud il-kliem "in rapprezentanza tas-socjeta estera Sun Alliance and London Insurance plc" wara l-isem tal-kumpanija konvenuta, gie rimedjat l-ilment sollevat mill-konvenuti fl-eccezzjoni preliminarji, u ghaldaqstant il-Qorti tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri taghha.

Ghal dak li jirrigwarda l-eccezzjoni fil-mertu, l-konvenuti, a bazi tal-principju illi l-kuntratt ta' assikurazzjoni ghandhu jkun interpretat u esegwit in bona fede u m'ghandhux iservi ghal qliegh ta' xi naha jew l-ohra, qed jippretendu illi nonostante li l-valur tal-vettura kif ddikjarat fil-polza ta'assikurazzjoni kien ta' Lm1,000 (elf lira Maltin), il-valur attwali taghha dak inhar tal-allegat serq ma kienx jammonta ghal din is-somma izda ghal somma ferm inqas u ghalhekk qedgha tippretendi illi, in adepiment tal-obbligu taghha li tghamel tajjeb ghat-telf, ghandha thallas somma inqas li tkun tirrapprezenta l-valur attwali tal-vettura allegatament misruqa dak inhar li avvera ruhhu r-riskju assikurat.

Ma hemmx kontestazzjoni bejn il-kontendenti illi kien jesisti kuntratt ta' assikurazzjoni illi jkopri l-vettura tal-attur ta' marka ARO bin-numru IAH 081 anke f'kaz ta' serq u lanqas ma tirrizulta kontestazzjoni illi l-valur iddikjarat mill-istess attur kien ta' Lm1,000 (elf lira Maltin) u li ghalhekk il-kumpanija assikurattrici f'kaz ta' serq kienet obbligata thallas valur sa somma ta' Lm1,000 (elf lira Maltin).

Dak li qed jikkontestaw il-konvenuti huwa appuntu l-valur attwali u biex anke jippruvaw jaslu ghal xi indizju ta' mala fede da parti tal-attur huma anke argumentaw illi anke s-serq irraportat mill-istess attur setgha wkoll kien messa in xena biex huwa jkun jista' jithallas indebitament a bazi tal-polza ta' assikurazzjoni.

Ghalkemm il-konvenuti ppruvaw illi l-attur kien precedentement vittma ta' serq ta' vetturi li kienu proprjeta tieghu, dan wahdu mhuwiex sufficjenti biex il-Qorti tista' tikkonkludi illi s-serq, rapportat u rregistrat ma' l-awtoritajiet, ma sehhx; izda l-freqwenza ta' serq ta' vetturi

ghad-dannu tal-attur, tindika xi grad ta’ negligenza da parti tieghu illi jissalvagwarda u jiehu hsieb sew il-proprjeta’ tieghu.

Dan il-fatt ghandhu wkoll jinpingi fuq l-allegazzjoni tal-attur illi huwa, wara li kien xtara l-vettura bi prezz ta’ Lm450 (erba’ mija u hamsin lira Maltin), ghamel dawk ir-riparazzjonijiet u l-miljoramenti fuqha li wassalha ghal valur ta’ l fuq minn Lm2, 000 (elfejn lira Maltin) kif jippretendi fl-affidavit tieghu.

Evidentement, billi l-vettura insterqet u ghalhekk ma setghatx tigi ezaminata   f’dawn il-proceduri, u billi meta gie mifthem il-kuntratt ta’ assikurazzjoni l-assikuratturi naqsu milli jaghmlu ispezzjoni u valutazzjoni tal-vettura, biex il-Qorti tista’ tistabbilixxi l-valur reali tal-vettura dak inhar li nsterqet, trid toqghod principalment fuq dak illi ddikjaraw il-partijiet fil-kuntratt ta’ assikurazzjoni u cioe’ trid tibda mill-valur stabbilit ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin), u tara jekk hemmx xi indizji illi jistghu jindikaw xi valur inqas dak inhar tas-serq.

Dak li jirrizulta ppruvat huwa illi l-attur ma kienx korrett meta qal illi, meta kien akwista l-vettura misruqa, kien assikura mill-ewwel fl-istat li kienet ghal valur inqas minn Lm1,000 (elf lira Maltin) li kien jirrispekkja l-valur attwali. Dan peress li jirrizulta illi nonostante li kien xtara vettura bi prezz ta’ Lm450 (erba’ mija u hamsin lira Maltin) l-attur kien mill-ewwel kien assikuraha u ddikjara valur ta’ Lm1,000 (elf lira Maltin) ghall-istess vettura.

Ghalkemm jista’ jirrizulta illi dak iz-zmien li assikura l-vettura kellu l-intenzjoni illi jghamel riparazzjonijiet fiha, huwa stabbilit li dak inhar li gie konkjuz il-kuntratt tal-assikurazzjoni, l-attur kien qieghed jghamel dikjarazzjoni ta’ valur esagerat, li ma kienx ghalhekk jirrispekkja l-valur attwali tal-vettura dak inhar.

Billi mill-provi prodotti  mill-attur jirrizulta illi kien nefaq almenu Lm20 (ghoxrin lira Maltin) biex  ghamel xi riparazzjonijiet fil-vettura, u dan huwa indikattiv li ghalhekk effettivament xi riparazzjonijiet kien lahaq ghamel, il-Qorti

ssib illi xi awment tal-valur minn dak li kellha meta nxtrat kien sehh fir-rigward ta’ l-vettura tal-attur.  Izda jispetta lill-istess attur illi jipprova n-nefqa ghal miljoramenti li wasslet ghall-awment fil-valur tal-vettura tieghu oltre dak li kellha meta nxtrat.

Mill-provi prodotti u mill-indizji rizultanti din il-Qorti tista’ tasal biss biex *arbitrio boni viri* tistabilixxi bhala l-valur attwali tal-vettura f’dak il-jum li nsterqet fis-somma ta’ Lm500 (hames mitt lira Maltin).   Dan wara li hadet in konsiderazzjoni  wkoll illi valur medju ta’ vettura     tal-mudel u tas-sena tal-manifattura bhal dik tal-attur, minghajr bzonn ta’ riparazzjonijiet, kien ta’ Lm700 (seba’ mitt lira Maltin).

Ghaldaqstant wara li hadet in konsiderazzjoni t-talba tal-attur u l-eccezzjonijiet tal-konvenut il-Qorti qedgha, ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, tilqa t-talba attrici limitatament billi tikkundanna lill-konvenuti sabiex ihallsu lill-attur is-somma ta’ Lm500 (hames mitt lira Maltin).

Ghal dak li jirrigwarda t-talba ghall-imghax il-Qorti tipprovdi illi dan l-imghax ghandhu jibda jiddekorri mit-22 ta’ Marzu 1999, id-data tal-prezentata tal-avviz, u ghal dak li jirrigwarda l-ispejjez, billi jirrizulta illi l-konvenuti kienu offrew somma ferm inqas minn dik likwidata minn din il-Qorti, tipprovdi illi l-ispejjez ghandhom jibqu bla taxxa bejn il-kontendenti.

--------------------------------TMIEM--------------------------------